MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1327/2002/1

**Corinne Apap Bologna u Gordon Mizzi**

**v.**

**Demoncada Limited, Kenneth C. Mizzi, Veronique Mizzi u**
**Angele Calleja**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell minn sentenza in parte moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Frar 2005 li ddikjarat li ghalkemm r-rikorrenti appellati huma azzjonisti hekk imsejha *fully paid up* huma jikkwalifikaw bhala "kontributorji" fit-termini tal-ligi u konsegwentement huma intitolati li jibdew proceduri taht l-Artikolu 214 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji ta' 1995 ghall-istralc tas-socjeta` Demoncada Limited.

**<u>Preliminari</u>**

Il-fatti relevanti ghal dana l-appell huma, bazikament, is-segwenti:

1. Ir-rikorrenti Corinne Apap Bologna u Gordon Mizzi ghandhom ghoxrin fil-mija (20%) ta' l-ishma kull wiehed tas-socjeta` intimata Demoncada Limited, u ilhom membri ta' din il-kumpanija ghal diversi snin.
2. L-intimati Kenneth C. Mizzi, Veronique Mizzi u Angele Calleja ghandhom il-bqija ta' l-ishma u cioe` ghoxrin fil-mija (20%) kull wiehed ta' l-istess socjeta` Demoncada Ltd.
3. Is-socjeta` Demoncada Ltd. tifforma parti minn grupp ta' socjetajiet li ghandu l-isem Mizzi Organisation.
4. Fir-rikors promotorju r-rikorrenti jallegaw illi n-negozju tas-socjeta` Demoncada Ltd. u tas-socjetajiet l-ohra li jiffurmaw parti mill-istess grupp qieghed jigi gestit b'mod li jirreka pregudizzju evidenti u serju lilhom (cioe` lir-rikorrenti), u dan billi, fost affarijiet ohra, tali negozju qed jitmexxa b'mod irresponsabbli mid-diretturi, eskluz ir-rikorrent Gordon Mizzi.
5. Ir-rikorrent Gordon Mizzi kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta` intimata Demoncada Limited izda gie imnehhi minn din il-kariga fil-11 ta' Novembru 2002.
6. Ir-rikorrenti jallegaw illi permezz ta' din it-tnehhija huma qeghdin jigu eskluzi b'mod generali milli jippartecipaw fil-*management* tal-grupp maghruf bhala Mizzi Organisation, u qeghdin jallegaw ukoll li huma qed jigu assoggettati ghal sistema ta' opressjoni w abbuz ta' natura kontinwa u persistenti.
7. Mhux kontestat bejn il-partijiet li r-rikorrenti Corinne Apap Bologna u Gordon Mizzi huma azzjonisti hekk

imsejha *fully paid up*, stante li hallsu fl-intier ghall-ishma taghhom fis-socjeta` Demoncada Limited.

Fir-rikors taghhom, ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Novembru 2002, ir-rikorrenti talbu lil dik il-Qorti:

1. tiddikjara li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija;
2. tordna x-xoljiment tal-kumpanija Demoncada Limited u dan a tenur ta' l-Artikolu 214(2) u l-artikoli l-ohra relattivi ta' l-Att dwar il-Kumpaniji; u
3. tahtar stralcarju, jekk ikun il-kaz, ghal dan l-iskop.

Salv kull provvediment iehor ulterjuri li jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

L-intimati, fir-risposta taghhom tas-7 ta' Frar 2003, issollevaw eccezzjoni preliminari fis-sens illi r-rikorrenti ma ghandhomx *locus standi* peress illi rikors ghall-istralc a tenur ta' l-Artikolu 218 tal-*Companies Act* jista' jsir biss jew mill-kumpanija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kredituri jew kreditur, jew minn xi kontributorju jew kontributorji (ara fol. 10 tal-atti).

Fis-seduta quddiem l-ewwel Qorti ta' l-24 ta' Novembru 2004, il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq din l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati.

**<u>Sentenza appellata</u>**

Illi b'sentenza ta' l-14 ta' Frar 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati w ordnat it-tkomplija tal-kawza, u dana wara li kkunsidrat:

"Illi r-rikorrenti qed jitlob li jigi nominat stralcjarju biex jipprocedi ghal-likwidazzjoni tas-socjeta` Demoncada Limited. L-intimati qeghdin jeccepixxu preliminarjament li

r-rikorrenti li huma azzjonisti tal-istess socjeta` ma ghandhomx *locus standi* fi proceduri simili.

“Hu car li r-rikorrenti qed jaghmlu t-talba taghhom a tenur tal-Artikolu 214(1) tal-Att Dwar il-kumpanniji billi huma l-istess rikorrenti illi ccitaw dan l-Artikolu fir-rikors taghhom, ghalkemm fl-istess rikors huma semmew ukoll *artikoli l-ohra relattivi.* Madankollu jidher car li t-talba qed issir a bazi ta’ l-artiklu imsemmi. Hu minnu li kif qalu r-rikorrenti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom li min iressaq xi tip ta’ kawza quddiem il-Qrati taghna ma ghandux ghalfejn jindika that liema artiklu qed iressaq il-kawza, izda s-sentenzi illi ccitaw kienu dwar kawzi differenti minn dik odjerna. Dan ghaliex meta xi hadd iressaq proceduri taht xi Att partikolari, hu importanti li d-dettami ta’ dak l-Att jigu osservati skruplozament. Dan apparti l-fatt li anke jekk is-sistema taghna m’hijiex rigida kif certament kienet fid-dritt Ruman, il-konvenut jew intimat ghandu dritt ikun jaf x’tip ta’ kawzali qed jippresenta l-attur biex ikun jista’ jiddefendi ruhu adegwatament. Fil-fehma tal-Qorti ladarba r-rikorrenti ghazlu li jsemmu l-Artikolu 214, dan ifisser illi huma qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-istess artiklu. Il-Qorti ma tistax tissupplimenta u aktar minn hekk taghmel taghha kawzali li ma jigux indikati bi kjarezza.

“Skond l-Artikolu 218 tal-Att in kwistjoni talba ghal stralc tista’ ssir fost ohrajn minn *kontributorju jew kontributorji.* Skond l-Artikolu 215 *il-kelma kontributorju tfisser kull persuna li tkun responsabbli tikkontribwixxi ghall-attiv tal-kumpannija fil-kaz tax-xoljiment taghha u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 216 u 217 ta’ dan l-Att ghandhom jghoddu biex jigu determinati l-persuni li huma hekk responsabbli.*

“Ma jidhirx li sa issa dan il-punt gie deciz mill-Qrati taghna izda jidher li l-Qrati Inglizi nterpretaw dawn l-artikoli fis-sens li azzjonista illi gia` hallas sehmu jista’ jikkwalifika ukoll bhala kontributorju. Dan naturalment soggett ghall-prova li jezistu r-rekwisiti l-ohra skond l-Artikolu 214, li f’din il-kawza ghad trid issir prova dwarhom. Infatti dan il-punt gie deciz mill-Qrati Inglizi sa mis-sena 1866 fil-kazi *Anglesea Colliery* u *National Savings Bank Association* u

wara *Walkers and Others Petitioners* (1894) u kazi ohrajn (ara **Charlesworth and Morse 15th Edition** pagni 722 u 777). Ir-ragunament tal-Qrati Inglizi kien li azzjonist li gia` hallas sehmu ma ghandux, semplicement ghaliex appuntu hallas sehmu, jitlef xi dritt li jkollu meta jkun ghadu ma hallasx sehmu. Dan jidher li hu argument validu u ma jaghmilx sens li xi hadd jitlef xi dritt li jkollu meta ma jkunx wettaq l-obbligu tieghu proprju ghaliex ikun wettaq dan l-obbligu. Allura l-kelma kontributorju ghandha tigi nterpretata f'dan is-sens u cioe` li tinkludi kull persuna li jista' jigi tenut jikkontribwixxi f'kaz ta' xoljiment anke jekk, billi jkun hallas sehmu skond l-istatut tal-kumpannija fil-prattika ma baqghalu jikkontribwixxi xejn.

"Kif gia` inghad ir-rikorrenti jridu jressqu provi li hemm ragunijiet validi bizzejjed ghat-talba taghhom, izda fil-fehma tal-Qorti il-fatt biss li huma azzjonisti hekk imsejha *fully paid up* ma ghandux jiskwalifikahom milli jibdew dawn il-proceduri. L-istess argument migjub mill-intimati a fol 27 tal-process jikkonferma dan; f'**Palmer' s Company Law** wiehed isib li *... the court will not make a winding up order on the petition of a contributory unless he shows ... a tangible interest in the winding up.* Dan ifisser li r-rikorrenti jistghu jipprocedu izda jridu iressqu l-provi li ghandhom interess fl-istralc. Il-brani citati fin-noti huma tal-istess tenur.

**"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tordna t-tkomplija tal-kawza. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali."**

## <u>L-appell ta' l-intimati</u>

B'digriet tat-28 ta' Frar 2005, il-Prim Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-intimati biex jappellaw mis-sentenza in parte ta' l-14 ta' Frar 2005. Permezz ta' rikors ippresentat fl-4 ta' Marzu 2005 Demoncada Limited, Kenneth C. Mizzi, Veronique Mizzi u Angele Calleja talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza tal-Prim Awla billi tintlaqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom. L-aggravji ta' l-appellanti jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi r-rikorrenti appellati ma jistghux jitqiesu li huma kontributorji stante li huma hallsu l-ishma taghhom fl-intier, u ladarba ma humiex kontributorji ma jistghux jintavolaw il-proceduri ghall-istralc kontemplati fl-Artikolu 214 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji.
2. Illi l-ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara li r-rikorrenti appellati ghandhom dritt li jipprocedu ghall-istralc, qabel ma' l-istess appellati jressqu provi *prima facie* li huma ghandhom interess fl-istess stralc, provi li talvolta jistghu jiggustifikaw interpretazzjoni estensiva tal-kelma "kontributorji".
3. Illi fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-hsara li kienet se tigi ikkagunata lis-socjeta` Demoncada Limited, kif kienet obbligata li taghmel, galadarba l-*locus standi* ta' l-appellati hu dubjuz.

Ir-rikorrenti appellati ma pprezentawx risposta ta' l-appell, izda fl-udjenzi tal-21 ta' Novembru 2005 u tas-16 ta' Jannar 2006 dehru l-avukati difensuri taghhom quddiem din il-Qorti u fis-16 ta' Jannar l-appell gie ttrattat mid-difensuri taz-zewg nahat. L-aggravji ser jigu trattati *seriatim*.

**<u>L-ewwel aggravju</u>**

L-ewwel aggravju huwa fis-sens illi r-rikorrenti appellati ma jistghux jitqiesu li huma kontributorji stante li huma hallsu l-ishma taghhom fl-intier, u ladarba ma humiex kontributorji ma jistghux jintavolaw il-proceduri ghall-istralc kontemplati fl-Artikolu 214 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386).

Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti irriteniet illi l-odjerna azzjoni qed issir taht l-Artikolu 214 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji. L-Artikolu 214 jittratta dwar il-kawzi ta' xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-kumpaniji. Fir-rikors promotorju l-appellati talbu x-xoljiment tas-socjeta` Demoncada Ltd. a tenur ta' l-Artikolu 214(2), pero` ma jispecifikawx taht liema paragrafu ta' dan is-subinciz, cioe` jekk hux taht il-paragarafu (a) jew paragrafu (b), qed jibbazaw it-talba taghhom.

Ir-rikors promotorju odjern gie prezentat quddiem il-Prim Awla fil-25 ta' Novembru 2002 u ghalhekk qabel l-emendi apportati fl-Att dwar il-Kumpaniji bl-Atti IV u IX ta' l-2003. Qabel dawn l-emendi ta' l-2003, l-Artikolu 218 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji kien jipprovdi illi:

*"(1) Talba lill-qorti (aktar 'l quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal -*

*(a) stralc ta' kumpannija mill-qorti skond l-artikolu 214(1)(a);*
*(b) xoljiment u stralc ta' kumpannija mill-qorti skond l-artikolu 214(2)(a); jew*
*(c) xoljiment u stralc ta' kumpannija skond l-artikolu 214(2)(b);*

*ghandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji."*

Ghalhekk, ghall-fini ta' dan l-aggravju il-pern tal-kwistjoni ddur fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil kelma *"kontributorju"* fl-Att dwar il-Kumpaniji.

L-Artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji jghid illi l-kelma *"kontributorju" ghandu jkollha, kemm-il darba ma jinghadx mod iehor, it-tifsir kif moghti lilha bl-artikoli 215 sa 217 ta' dan l-Att."* In-nota fil-margini ta' l-Artikolu 215 tghid *"tifsir ta' "kontributorju",* u dan l-artikolu jipprovdi hekk: *"Il-kelma "kontributorju" tfisser kull persuna li tkun responsabbli li tikkontribwixxi ghall-attiv tal-kumpannija fil-kaz tax-xoljiment taghha, u disposizzjonijiet ta' l-artikoli 216 u 217 ghandhom jghoddu biex jigu determinati l-persuni li huma hekk responsabbli ... ...."* L-Artikolu 216(a) imbaghad jaghmilha cara li *"Fl-istralc ta' kumpanija kull membru prezenti u passat ikun obbligat li jikkontribwixxi ghall-attiv tal-kumpanija ammont li jkun bizzejjed biex jithallas id-dejn u l-passiv taghha, u n-nefqa, il-hlasijiet u l-ispjejjez ta' l-istralc, u ghall-aggustament tal-jeddijiet tal-kontributorji bejniethom, salv il-kwalifiki li gejjin: (a) ebda kontribuzzjoni*

*ma tkun mehtiega minn xi membru ghal izjed mill-ammont, jekk il-kaz, mhux imhallas fuq azzjonijiet li ghalih ikun responsabbli bhala membru prezenti jew passat…"*

Ghalhekk jidher, li skond il-ligi taghna membru li jkun hallas l-ammont shih minnu dovut fuq l-ishma li huwa jkollu fil-kumpannija, 'l hekk imsejjah *fully paid up shareholder*, ma jistax jitqies li huwa "kontributorju" fis-sens tal-ligi, stante li ma huwa obbligat li jikkontribwixxi xejn f'kaz ta' xoljiment tal-kumpanija.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni opposta ghaliex strahet fuq gurisprudenza riportata minn awturi Inglizi in materja, li jghidu li f'certi cirkostanzi azzjonista illi gia hallas sehmu fl-intier jista' jikkwalifika ukoll bhala kontributorju. Pero`, bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, wiehed irid jara jekk id-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi Ingliza li fuqha jikkummentaw dawn l-awturi humiex l-istess, ghall-inqas fis-sustanza, bhal dawk tal-ligi Maltija. Hekk, jekk wiehed ihares lejn l-Artikolu 79(1) ta' l-*Insolvency Act* ta' l-1986 Ingliz, insibu li dan jghid hekk:

*"In this Act and the Companies Act the expression "contributory" means every person liable to contribute to the assets of the company in the event of its being wound up, and for the purposes of all proceedings for determining, and all proceedings prior to the final determination of, the persons who are to be deemed contributories, includes any person alleged to be a contributory."*

Imbaghad l-Artikolu 83 ta' l-istess Att, li jittratta dwar Kumpaniji registrati taht il-*Companies Act* Ingliz, jkompli jghid hekk:
*"(2) Every person is a contributory, in respect of the company's debts and liabilities contracted before registration, who is liable -*
*(a) to pay, or contribute to the payment of, any debt of liability so contracted, or*
*(b) to pay, or contribute to the payment of, any sum for the adjustment of the rights of the members among themselves in respect of any such debt or liability, or*

*(c) to pay, or contribute to the amount of, the expenses of winding up the company, so far as relates to the debts or liabilities above mentioned.*
*(3) Every contributory is liable to contribute to the assets of the company, in the course of the winding up, all sums due from him in respect of any such liability."*
Taht il-ligi Ingliza ma jidhirx li hemm dispozizzjoni bhal dik ta' l-Artikolu 216(a) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji fuq citat, illi espressament teskludi mit-tifsira ta' "kontributorju" lill-membri li ma jkunx fadlilhom ihallsu xi ammont fuq l-ishma taghhom. Jidher li fuq dan il-punt partikolari l-legislatur Malti espressament iddipartixxa mill-pozizzjoni prevalenti fl-Ingliterra, li, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni simili ghal dik ta' l-Artikolu 216(a) tal-ligi Maltija, wassal lill-awturi u kummentaturi Inglizi u lill-Qrati Inglizi biex jghidu li l-ligi taghhom mhix teskludi lill-membri li ma fadlilhomx ihallsu xi ammont fuq l-ishma taghhom milli jitqiesu wkoll "kontributorji".
Taht il-principju fondamentali tal-ligi tal-Kumpaniji, ir-responsabbilta` ta' azzjonista hija limitata ghal dak l-ammont, jekk hemm, li hu ma hallasx fuq l-ishma tieghu (Artikolu 67 tal-Kap. 386[1]). Fuq il-bazi ta' dan il-principju biss, il-legislatur ma kellux ghalfejn jirrepeti lilu nnifsu fl-Artikolu 216(a). Ghalhekk dak l-artikolu gie inserit mill-legislatur biex ifisser xi haga ohra, li hi appuntu li fil-ligi taghna azzjonista *fully paid up* ma jistax jitqies bhala "kontributorju" ghall-finijiet ta' l-istralc ta' kumpanija. L-intimati appellanti, ghalhekk, kellhom ragun, fid-data li fihaipprezentaw ir-risposta taghhom ghar-rikors promotur, li jeccepixxu illi r-rikorrenti appellati ma kellhomx *locus standi* jipprezentaw rikors ghall-istralc a tenur ta' l-Artikolu 218, peress illi ma kienux jikkwalifikaw bhala "kontributorji" skond il-ligi.
Pero` irid jinghad li l-posizzjoni legali tbiddlet drastikament bl-emendi li saru ghall-Artikolu 218 bl-Att IV[2] u l-Att IX[3] ta'

---

[1] Dan l-Artikolu 67 jippreskrivi illi *"Kumpannija tkun iffurmata bil-mezz ta' kapital maqsum f'azzjonijiet mizmuma mill-membri taghha. Ir-responsabbiltà tal-membri tkun limitata ghall-ammont, jekk ikun hemm, li ma jkunx thallas mill-azzjonijiet rispettivament mizmuma minnhom."*
[2] L-emenda apportata ghall-Artikolu 218 dahlet fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2003 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 102 ta' l-2003.
[3] L-emenda apportata ghall-Artikolu 218 dahlet fis-sehh fis-16 ta' Settembru 2003 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 249 ta' l-2003.

l-2003. Bis-sahha ta' dawn iz-zewg emendi gie introdott *proviso* fl-Artikolu 218(1) li jippreskrivi illi: *"Izda rikors skond il-paragrafi (b) jew (c) jista' jsir wkoll minn azzjonist jew direttur tal-kumpanija."* Ghalhekk, b'din l-emenda azzjonist gie moghti d-dritt li jistitwixxi proceduri ghax-xoljiment ta' kumpanija taht l-Artikolu 214(2) irrispettivament minn jekk dan l-azzjonist ikunx jikkwalifika bhala "kontributorju" jew le taht l-Att dwar il-Kumpaniji. Jidher li din l-emenda sfuggiet kemm lill-partijiet fil-kawza kif ukoll lill-ewwel Onorabbli Qorti.
Issa, Fis-sentenza **Guido Laferla noe v. Dottor Vincent Falzon et** deciza fit-23 ta' Novembru 1984 (Vol. LXVIII-III-167), il-Prim Awla tal-Qorti Civili irriteniet illi:

*"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna (Qorti tal-Appell, "Vella v. Gera"* [**recte: Galea**] *Kollezzjoni Decizjonijiet Vol. XXXIII-I-254 u Qorti tal-Appell, "Cini v. Galea", Vol. XLII-I-532) illi "jus superveniens firmat actionem et exceptionem". Ghalhekk, skond l-istess gurisprudenza, jekk waqt il-kawza jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuza tigi msahha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzji u tal-ispejjez. Huwa evidenti ghalhekk li l-kazijiet fejn l-obbligazzjoni li tkun il-bazi tal-azzjoni tkun sospiza b'kondizzjoni jew terminu u din il-kondizzjoni tavvera ruhha jew it-terminu jaghlaq waqt il-kawza mhumiex, kif qeghdin jippretendu l-konvenuti, l-unici kazijiet fejn tigi applikata l-imsemmija duttrina. Dawn il-kazijiet, kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Cini v. Galea" ga citata huma biss kazijiet tipici imma ma humiex tassattivi b'mod assolut. U fil-fatt, tkompli tghid il-Qorti tal-Appell fl-istess kawza, id-duttrina giet applikata mill-Qrati taghna anke meta d-difett inizjali gie sanat bis-sopravenjenza tad-dritt wara l-eccezzjoni, sahansitra meta l-kawza kienet fl-istadju tal-appell."*[4]

(Ara wkoll fl-istess sens **Carmela Bonanno pro et noe v. Perit Carmelo Bonanno et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru 1997, u **Av. Reno Borg noe v. Joseph**

[4] Din is-sentenza giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru 1988.

**Borg et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003).

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza, ghalkemm ir-rikorrenti appellati ma kellhomx *locus standi* li jistitwixxu l-proceduri odjerni skond il-ligi vigenti fiz-zmien tal-prezentata tar-rikors promotorju, stante li ma setghux jitqiesu li kienu "kontributorji" ai termini tal-ligi, dan id-difett gie sanat bil-principju tal-*ius superveniens* bl-emendi apportati fl-2003 fl-Att dwar il-Kumpaniji li tahom id-dritt bhala azzjonisti *ut sic* li jintavolaw il-proceduri odjerni.

Ghar-ragunijiet fuq esposti – u ghalhekk mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti – dan l-ewwel aggravju ta' l-appellanti qed jigi michud.

**L-aggravji l-ohra**

Galadarba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-appellati nghatalhom id-dritt fil-mori ta' dawn il-proceduri li jistitwixxu l-istess proceduri fil-kapacita` taghhom ta' azzjonisti, ma hemm ebda utilita` li jigu kkunsidrati l-aggravji l-ohra ta' l-appellanti.

**Decide**

Ghall-motivi premessi – u ghalhekk ghal ragunijiet kompletament differenti minn dawk moghtija fis-sentenza appellata – tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati. L-ispejjez ta' dana l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet (dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif deciz f'dik is-sentenza, cioe` "riservati ghall-gudizzju finali"). Fl-ahharnett tordna li l-atti jigu minnufih mibghuta lura lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------